C/2023/427

19.10.2023

RAKKOMANDAZZJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-10 ta' Ottubru 2023

lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije

(BĊE/2023/25)

(C/2023/427)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 27.1 tiegħu,

Billi:

(1) Il-kontijiet tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u tal-banek ċentrali nazzjonali tal-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro huma awditjati minn awdituri esterni indipendenti rrakkomandati mill-Kunsill Governattiv tal-BĊE u approvati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mandat tal-awdituri esterni kurrenti tal-Banka Slovenije, PricewaterhouseCoopers, podjetje za revizijo in druge finančno računovodske storitve, d. o. o., ser jintemm wara l-awditu għas-sena finanzjarja tal-2023. Huwa għalhekk meħtieġ li jinħatru awdituri esterni mis-sena finanzjarja 2024 'il quddiem.

(3) Banka Slovenije għażel lil Mazars, družba za revizijo, d. o. o. bħala l-awdituri esterni tiegħu għas-snin finanzjarji 2024 sa 2026,

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

Huwa rrakkomandat illi Mazars, družba za revizijo, d. o. o. għandhom jinħatru bħala l-awdituri esterni ta' Banka Slovenije għas-snin finanzjarji 2024 sa 2026.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-10 ta' Ottubru 2023.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE